



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

2019/2824(RSP)

11.10.2019

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-Mistoqsijiet għal Tweġiba Orali B9-0000/2019 u  
B9-0000/2019

skont l-Artikolu 136(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-15-il laqgħa tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP15)  
(2019/2824(RSP))

**Pascal Canfin**

President - Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

**Agnès Evren**

f'isem il-Grupp PPE

**César Luena**

f'isem il-Grupp S&D

**María Soraya Rodríguez Ramos**

f'isem il-Grupp Renew

**Ville Niinistö**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Alexandr Vondra**

f'isem il-Grupp ECR

**Silvia Modig**

f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-15-il laqgħa tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP15)  
(2019/2824(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2016 dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2017 dwar Pjan ta' Azzjoni għan-natura, in-nies u l-ekonomija,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP14),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Il-qagħda tan-natura fl-Unjoni Ewropea: Rapport dwar l-istatus u x-xejriet għat-tipi ta' habitats u għall-ispeċijiet li jkopru d-Direttiva tal-Għasafar u d-Direttiva tal-Habitats għall-perjodu 2007-2012 bħalma jeżiġi l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Habitats u bħalma jeżiġi l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Għasafar" (COM(2015)0219),
  - wara li kkunsidra r-rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi tal-IPBES ta' Mejju 2019,
  - wara li kkunsidra l-Karta ta' Metz dwar il-Bijodiversità tas-6 ta' Mejju 2019,
  - wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti,
  - wara li kkunsidra r-rapporti speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel, u l-flussi tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-ekosistemi terrestri, u dwar l-Oċean u l-Krijosfera fi Klima li qed Tinbidel, u r-rapport speċjali tal-IPCC bit-titolu "It-Tiżhin Globali ta' 1.5 °C", il-ħames rapport ta' valutazzjoni tiegħu (AR5) u r-rapport ta' sinteżi tiegħu ta' Settembru 2018,
  - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet imressqa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar il-15-il laqgħa tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP15) (O-0000/2019 – B8-xxxx/2018 u O-0000/2019 – B8-xxxx/2019),
  - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-istqarrija tal-missjoni tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020 hija li

tittieħed azzjoni effettiva u urġenti biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità sabiex jiġi żgurati li sal-2020 l-ekosistemi jkunu reżistenti u jibqgħu jipprovdu servizzi essenzjali, u b'hekk jiżguraw il-varjetà tal-ħajja tal-pjaneta u jikkontribwixxu għall-benesseri tal-bniedem u l-eliminazzjoni tal-faqar;

- B. billi l-Viżjoni 2050 adottata fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) hija dik ta' "għajxien f'armonija man-natura" fejn "sal-2050, il-bijodiversità tkun apprezzata, ikkonservata, restawrata u użata bi ħsieb, filwaqt li jiġu ppreservati s-servizzi ekosistemiċi, tiġi sostnuta pjaneta b'saħħitha u jinġiebu benefiċċji essenzjali għal kulħadd" [traduzzjoni mhux uffiċjali];
- C. billi l-Viżjoni 2050 adottata fil-qafas tal-KDB hija appoġġata minn ħames għanijiet ġenerali li jinkwadraw ukoll il-Miri tal-Bijodiversità Aichi għall-2020: (a) Li jiġu indirizzati l-kawżi li jwasslu għat-telf tal-bijodiversità billi din tiġi integrata fl-ambiti kollha tal-gvern u tas-soċjetà; (b) Li jitnaqqsu l-perssonijiet diretti fuq il-bijodiversità u jiġi promoss l-użu sostenibbli; (c) Li jittejjeb l-istatus tal-bijodiversità billi jitħarsu l-ekosistemi, l-ispeċijiet u d-diversità ġenetika; (d) Li jittejjbu l-benefiċċji għal kulħadd mill-bijodiversità u mis-servizzi ekosistemiċi; u (e) Li tissaħħaħ l-implimentazzjoni permezz tal-ippjanar parteċipattiv, il-ġestjoni tal-għarfien u l-bini tal-kapaċitajiet;
- D. billi l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità 2020 għandha l-għan li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità u tas-servizzi ekosistemiċi fl-UE u tgħin sabiex jitwaqqaf it-telf globali tal-bijodiversità sal-2020;

### **Kummenti ġenerali**

1. Jinnota bi tħassib li kif indikat fir-rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi tal-IPBES, in-natura qed tonqos globalment b'rati mingħajr preċedent fl-istorja tal-bniedem u r-rata tal-estinzjonijiet tal-ispeċijiet qed taċċellera, u huma mbassra impatti serji fuq il-popolazzjoni dinjija; jesprimi t-tħassib serju tiegħu wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-IPCC dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel, dwar it-tnaqqis tal-mammiferi tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll dwar l-għajbien drammatiku tal-iskollijiet tal-qroll;
2. Jinnota bi tħassib li l-Miri tal-Bijodiversità Aichi għall-2020 mhumiex ser jintlaħqu bit-trajettorja preżenti tat-telf tal-bijodiversità, u jerġa' jistieden lill-Partijiet kollha jżidu l-isforzi tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom fi sforzi immedjati, sostanzjali u addizzjonali fil-konservazzjoni tal-bijodiversità sabiex jintlaħqu l-miri tal-UE;
3. Ifakkar li l-bijodiversità u l-ekosistemi b'saħħithom huma kruċjali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' reżiljenza tal-UE għat-tibdil fil-klima; ifakkar fl-importanza tal-preservazzjoni tal-bijodiversità u ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; jitlob għalhekk li jkun hemm aktar koerenza bejn il-KDB u l-UNFCCC; jistieden lill-Kummissjoni tintegra aħjar il-bijodiversità fil-politiki tagħha dwar il-klima u tiżgura li l-finanzjament tal-UE għall-klima jintuża wkoll biex jiġu protetti u rrestawrati ekosistemi naturali bħala mod kif jinkisbu l-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima;
4. Jilqa', f'dan ir-rigward, l-impenji, meħuda minn Ursula von der Leyen fil-linji gwida

politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024 u fl-ittra ta' missjoni lill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Oċeani, biex tiġi ppreżentata Strateġija għall-Bijodiversità għall-2030 bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, u l-intenzjoni tagħha li l-UE tmexxi lid-dinja fil-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB tal-2020, kif għamlet fil-Konferenza ta' Pariġi dwar il-Klima tal-2015;

5. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-bijodiversità globali hija sfida essenzjali u għalhekk tikkostitwixxi interess strateġiku tal-UE li għandu jirċievi l-ogħla attenzjoni politika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolu ruħhom b'mod attiv, b'mod partikolari permezz tal-istrumenti esterni tagħhom, ma' pajjiżi terzi favur il-promozzjoni u t-tiżni tal-miżuri u tal-governanza għall-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, b'mod partikolari fil-ftehimiet multilaterali kollha;
6. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' reġim ta' governanza komprensiv li jindirizza l-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u tas-servizzi ekosistemiċi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jibqgħu impenjati b'mod qawwi biex ikomplu jsaħħu l-KDB u jassumu rwol ewlieni fit-tnejn għall-qafas ta' wara l-2020, b'mod partikolari bi tnejn għall-ħmistax-il Konferenza tal-Partijiet, biex jimpenjaw ruħhom għall-bijodiversità bħalma sar għall-mira ta' 1.5°C fil-Ftehim ta' Pariġi, u jstabilixxu b'mod trasparenti l-viżjonijiet u l-prijoritajiet tagħhom għall-qafas tal-bijodiversità globali ta' wara l-2020;
7. Ifakkar li l-bijodiversità u l-preservazzjoni tal-ekosistemi huma intrinsikament sinerġistiċi u fundamentali għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; jisħaq fuq il-ħtieġa u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw integrazzjoni tal-bijodiversità effettiva u jtejbu l-koerenza tal-politika ambjentali fil-politiki interni u esterni kollha tal-UE;
8. Jemmen li huwa kritiku li jiġu indirizzati l-fatturi ewlenin tat-telf tal-bijodiversità b'approċċ strateġiku fit-tul u li jiġu identifikati u salvagwardati b'mod urġenti l-oqsma l-aktar kritiċi u strateġiċi u l-ekosistemi ta' integrità għolja abbażi tas-sensittività ta' żona, il-preżenza ta' speċijiet fil-periklu, il-lakuni fl-għarfien u/jew il-ġestjoni effettiva, u l-preżenza ta' speċijiet komuni li huma fundamentali għal proċessi ekoloġiċi, u li jiġu limitati t-telf tal-bijodiversità u l-impatti negattivi fuq it-territorji u l-għajxien tal-komunitajiet indiġeni u lokali;

### **L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020**

9. Jilqa' d-deċiżjoni meħuda matul il-COP14 fl-Eġittu, li ttejjeg lill-partijiet biex, fost l-oħrajn, jaċċelleraw b'mod sinifikanti l-isforzi tagħhom biex jimplementaw il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020 u biex jikkunsidraw it-tweqqiq ta' valutazzjonijiet nazzjonali dwar il-bijodiversità u l-funzjonijiet u s-servizzi tal-ekosistema; iqis li hu tal-akbar importanza li jiżiedu l-isforzi fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku attwali għall-Bijodiversità 2011-2020, li wieħed jiffoka fuq il-kisba tal-Miri tal-Bijodiversità Aichi u li ssir ħidma fuq pjan strateġiku u mekkaniżmu ta' implimentazzjoni ambizzjuż għal wara l-2020, fir-rigward ta' xenarju għall-2050 li jqis sfidi ġodda fil-qasam tal-bijodiversità f'konformità mal-Aġenda 2030 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

10. Jinnota bi tħassib li skont il-valutazzjonijiet<sup>1</sup> tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tat-tipi ta' ħabitats ta' interess għall-konservazzjoni, fl-UE, huma biss 7 % tal-ispeċijiet tal-baħar u 9 % tat-tipi ta' ħabitats tal-baħar li juru "status ta' konservazzjoni favorevoli" u li 27 % tal-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet u 66 % tal-valutazzjonijiet tat-tipi ta' ħabitats juru "status ta' konservazzjoni sfavorevoli"; jenfasizza, barra minn hekk, li skont l-istess valutazzjonijiet, 48 % tal-ispeċijiet ta' animali u pjanti tal-baħar b'tendenzi ta' popolazzjoni magħrufa naqsu b'mod kostanti f'dawn l-aħħar għaxar snin, u dan iżid ir-riskju ta' estinzjoni ta' speċijiet immonitorjati;

## **Il-qafas globali tal-bijodiversità ta' wara l-2020**

11. Jilqa' l-progress li sar fil-COP14 dwar proċess komprensiv u parteċipattiv biex jiġi żviluppat qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020; jappoġġa l-Karta ta' Metz dwar il-Bijodiversità adottata mill-G7;
12. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-ambizzjoni u l-funzjonament għall-qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsegwu b'mod attiv l-iżvilupp ta' indikaturi ċari tal-prestazzjoni, strumenti ta' traċċar u mekkaniżmi ta' rappurtar/evalwazzjoni bejn il-pari biex jitjiebu t-trasparenza u r-responsabbiltà għall-Partijiet u l-effikaċja ġenerali tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità li jmiss;
13. Jenfasizza li hemm bżonn qafas internazzjonali fil-forma ta' ftehim vinkolanti biex titħares il-bijodiversità globali, biex jitwaqqaf id-deterjorament attwali tagħha u biex jiġu restawrati l-aspetti kollha tal-bijodiversità; jemmen li tali qafas għandu jkun ibbażat fuq miri speċifiċi, miżurabbli, kwantifikabbli, ambizzjużi, realistiċi u bi skadenzi preċiżi kif ukoll fuq impenji sodi li jinkludu Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali u strumenti oħra xierqa, impenji finanzjarji u garanziji ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet aqwa, kif ukoll mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rieżami ta' kull 5 snin, b'enfasi fuq trajettorja ta' ambizzjoni akbar; jenfasizza l-ħtieġa ta' għbir u trattament armonizzati ta' data u indikaturi komparabbli u konsistenti għal proċess ta' monitoraġġ tajjeb;
14. Jenfasizza l-importanza li jiġi minimizzat id-dewmien li jista' jinqala' bejn l-adozzjoni tal-qafas tal-bijodiversità globali għal wara l-2020 u t-traduzzjoni tagħha f'miri nazzjonali tal-bijodiversità biex jiġi evitat dewmien fit-teħid ta' azzjonijiet konkreti biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità;

## **Kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u finanzjament**

15. Jilqa' l-ftehim milħuq fil-COP14 minn 196 gvern biex jiżdiedu l-investimenti fin-natura u n-nies sal-2020 u lil hinn; jenfasizza li l-uniku mod kif it-tkabbir ekonomiku jista' jiffaċilita l-iżvilupp sostenibbli huwa billi jkun diżakkoppjat mid-degradazzjoni tal-bijodiversità u tal-kapaċità tan-natura li taqdi lill-popolazzjonijiet;
16. Jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament xieraq għall-bijodiversità; jenfasizza li l-prova tar-

<sup>1</sup> Ir-rapport ta' Valutazzjoni Reġjonali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi tal-Ekosistema għall-Ewropa u l-Asja Ċentrali  
[https://www.ipbes.net/system/tdf/downloads/spm\\_2b\\_eca\\_digital\\_20180622.pdf?file=1&type=node&id=28318](https://www.ipbes.net/system/tdf/downloads/spm_2b_eca_digital_20180622.pdf?file=1&type=node&id=28318)

reżistenza tal-bijodiversità fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u l-integrazzjoni tal-bijodiversità fl-oqsma ta' politika kollha se jkollhom effett sinifikanti u pożittiv fuq il-kisba tal-Viżjoni 2050; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jeliminaw gradwalment is-sussidji li jagħmlu l-ħsara;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipromwovu l-istabbiliment ta' mekkaniżmi finanzjarji internazzjonali ġodda għall-konservazzjoni tal-bijodiversità marbuta mal-KDB; jistieden lin-negozji u lill-organizzazzjonijiet finanzjarji jagħmlu u jikkondividu impenji u kontribuzzjonijiet b'saħħithom għall-bijodiversità, inkluż bil-prova tar-reżistenza tal-bijodiversità fl-attivitajiet tagħhom, u jenfasizza l-importanza li jiġu mobilizzati inizjattivi ta' finanzjament privat f'dan ir-rigward; jiddispjaċih għall-inkonsistenza tas-sett ta' data dwar il-flussi ta' finanzjament għall-bijodiversità li ġejjin minn sorsi pubbliċi u privati domestiċi u internazzjonali, li jqiegħdu f'riskju s-sistemi ta' traċċar u rapportar u jaffettwaw b'mod negattiv kwalunkwe riforma potenzjali;
18. Jenfasizza l-importanza li jiżiedu l-investimenti biex jintlaħqu l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jitnaqqsu l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-bijodiversità;
19. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Grupp tal-BEI li jallinja l-attivitajiet ta' finanzjament tiegħu mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u li jiddedika mill-inqas 50 % tal-finanzjament tal-BEI għall-azzjoni klimatika; jistieden lill-Kummissjoni tikkollabora mal-Istati Membri u s-settur finanzjarju biex jallinjaw l-attivitajiet tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi u titqies il-protezzjoni tal-bijodiversità fi tranżazzjonijiet u investimenti finanzjarji fil-livell tal-UE u lil hinn;

## **Il-forestrija, l-agrikoltura u l-ħamrija**

20. Jenfasizza li l-attivitajiet agrikoli, il-ħamrija b'saħħitha u l-konservazzjoni tal-bijodiversità huma marbutin mill-qrib ma' xulxin; jenfasizza li l-agrikoltura u l-forestrija sostenibbli jikkontribwixxu bil-kbir għall-varjetà ta' speċijiet, ħabitats u ekosistemi, u jnaqqsu l-effetti tat-tibdil fil-klima;
21. Jinnota madankollu l-impatt negattiv tal-agrikoltura intensiva fuq il-bijodiversità; jistieden lill-Partijiet jidħlu għal impenji b'saħħithom favur l-agrikoltura u l-forestrija sostenibbli, inklużi rekwiżiti għall-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u strateġiji li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija u tal-ħabitats; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-gvernijiet reġjonali jżidu l-appoġġ lis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija fit-tranżizzjoni lejn prattiki sostenibbli;
22. Jirrimarka li, skont il-Prospetti tal-Popolazzjoni Dinjija ta' Ġunju 2019, il-popolazzjoni tad-dinja mistennija tiżdied b'2 biljuni fit-30 sena li ġejjin, u dan iżid l-impatti tal-użu tal-art fuq il-bijodiversità u s-sekwestru tal-karbonju; jistieden lill-Kummissjoni tuża b'mod urġenti l-potenzjal ta' mitigazzjoni u adattament tar-restawr tal-foresti, l-artijiet mistagħdra, it-torbieri, il-bwar u l-ekosistemi tal-kosta u tintegra l-konservazzjoni tan-natura fil-politiki u l-programmi kollha rilevanti tal-UE;

## **Żoni urbani**

23. Jinnota li t-tniġġis, l-espansjoni urbana, l-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħabitats huma kawżi ewlenin oħra tal-qerda tal-bijodiversità; ifakkar li l-Valutazzjoni Globali

dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi tal-IPBES turi li mill-1992 is-superfċie taż-żoni urbani rdoppjat; jitlob valutazzjoni aħjar tar-rwol taż-żoni urbani u tal-ibliet fil-preservazzjoni tal-bijodiversità u implikazzjoni aħjar tal-ibliet u tal-awtoritajiet lokali fid-definizzjoni ta' politiki għall-protezzjoni tal-bijodiversità;

### **Żoni protetti tal-UE**

24. Jappella għal analiżi fil-fond taż-żoni protetti kollha tal-UE dwar il-ħtieġa ta' titjib u/jew estensjoni ta' dawn iż-żoni; jenfasizza li fid-dawl tar-rapport reċenti tal-IPCC dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel, hija meħtieġa valutazzjoni komprensiva ta' żoni tal-baħar protetti tal-UE;

### **Innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni**

25. Ifakkar fl-importanza tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-Viżjoni 2050; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżidu l-allokkazzjoni tal-baġit għall-Orizzont Ewropa għal 120 biljun, biex jibbenefika b'mod partikolari r-raggruppament dwar ir-riżorsi naturali; jistieden lill-Partijiet jiffukaw b'mod partikolari fuq ir-rabtiet bejn il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-benefiċċji għas-saħħa tal-bniedem u l-benesseri ekonomiku, u jikkoordinaw il-miżuri tal-għbir ta' data;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa aktar riċerka dwar l-effetti tat-tibdil fl-użu tal-art, inklużi d-deforestazzjoni u l-produzzjoni tal-bijoenerġija, dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u tqis ir-riżultati fit-tfassil tal-politika tal-ġejjieni;
27. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-bijodiversità;

### **It-tisħiħ tal-kapaċitajiet, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-involvement tal-atturi kollha**

28. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni huma kruċjali għall-implimentazzjoni ta' suċċess; għalhekk jilqa' d-deċiżjoni tal-COP14 li tistieden lill-partijiet, lil gvernijiet oħra, u lid-donaturi f'pożizzjoni li jagħmlu dan, biex jipprovdu riżorsi finanzjarji għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, u t-trasferiment tat-teknoloġija;
29. Jistieden lill-Partijiet jipromwovu l-għarfien pubbliku u l-involvement tad-diversi partijiet ikkonċernati biex jiżguraw soluzzjonijiet imfassla apposta mal-komunitajiet lokali u l-popli indiġeni biex jitravwem l-użu sostenibbli tal-artijiet għal aktar bijodiversità sabiex id-differenzi reġjonali fil-pajsaġġi u l-ħabitats jiġu rispettati bis-sih;
30. Jilqa' l-intenzjoni li jiġi segwit b'mod attiv approċċ bl-involvement tad-diversi partijiet ikkonċernati, li huwa fundamentali għall-valorizzazzjoni, il-protezzjoni, il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u r-restawr tal-bijodiversità u jenfasizza li t-titjib fl-involvement mal-livelli u s-setturi ta' governanza u bejniethom joħloq opportunitajiet għall-integrazzjoni tal-oġettivi tal-bijodiversità f'politiki oħra; jemmen li huwa kruċjali li jiġu involuti n-negozji u l-organizzazzjonijiet finanzjarji u, f'dan ir-rigward, jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tinvolvi lis-settur privat fil-preservazzjoni tal-bijodiversità speċjalment fil-Pjattaforma tan-Negozju u l-Bijodiversità tal-UE;

31. Jinsisti li l-għarfien pubbliku u għalhekk l-aċċess għall-informazzjoni komprensiva huma vitali biex il-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu t-traċċabbiltà u l-kontroll tal-prodotti permezz tal-katini tal-valur tagħhom u b'hekk iżidu wkoll it-trasparenza għall-konsumaturi;

o

o o

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.